

8.3.2017

A8-0251/113

**Emenda 113**

**Dita Charanzová**

f'isem il-Grupp ALDE

**Rapport**

**A8-0251/2016**

**Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi

COM(2015)0750 – C8-0358/2015 – 2015/0269(COD)

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8**

Direttiva 91/477/KEE

Artikolu 10c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 10c (ġdid)***

***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 13a sabiex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi biex tiżgura li l-armi tan-nar semiawtomatiċi li jkunnu ġew ikkonvertiti minn armi tan-nar oriġinarjament awtomatiċi, ma jkunux jistgħu jiġu kkonvertiti lura f'armi tan-nar awtomatiċi. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-ewwel att delegat bħal dan sal-31 ta' Diċembru 2017.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*B'din l-emenda jerġa' jitressaq il-kompromess adottat fir-rapport tal-Parlament Ewropew. Din l-emenda mhix inkluża fit-test tal-ftehim provviżorju. Din id-dispożizzjoni ssegwi l-loġika ta' regoli armonizzati għad-diżattivazzjoni u tipproponi regoli armonizzati għall-konverżjoni ta' armi tan-nar awtomatiċi f'armi tan-nar semiawtomatiċi. Il-pussess minn persuni ċivili jitħalla biss għall-armi li jiġu kkonvertiti skont dawn l-istandards.*

AM\1119606MT.docx

PE598.517v01-00

8.3.2017

A8-0251/114

**Emenda 114**

**Dita Charanzová**

f'isem il-Grupp ALDE

**Rapport**

**Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi

COM(2015)0750 – C8-0358/2015 – 2015/0269(COD)

**A8-0251/2016**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 12 – parti introduttorja**

Direttiva 91/477/KEE

Artikolu 17 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

"Artikolu 17

Kull ħames snin il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li, jekk ikun xieraq, ikun akkumpanjat minn proposti li jikkonċernaw b'mod partikolari l-kategoriji tal-armi tan-nar ***tal-Anness I*** u l-kwistjonijiet relatati mat-teknoloġiji l-ġodda ***bħall-istampar 3D***. L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat ***sentejn*** wara ***d-dħul fis-seħħ*** ta' din id-Direttiva."

"Artikolu 17

Kull ħames snin il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż kontroll tal-idoneità tad-dispożizzjonijiet tagħha***, li, jekk ikun xieraq, ikun akkumpanjat minn proposti li jikkonċernaw b'mod partikolari l-kategoriji tal-armi tan-nar ***fl-Anness I*** u l-kwistjonijiet relatati ***mal-implimentazzjoni tas-sistema għall-pass Ewropew tal-armi tan-nar, mal-arkivju tar-rekords, inkluża l-fattibbiltà li kull Stat Membru jingħata aċċess għal tali arkivju, mal-immarkar u mat-teknoloġiji l-ġodda bħall-impatti tal-istampar 3D, l-użu tal-kodiċi QR u l-użu ta' identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID)***. L-ewwel rapport ***bħal dan*** għandu jiġi ppreżentat ***fi żmien [sentejn]*** wara ***d-data msemmija fl-Artikolu 2(1)*** ta' din id-Direttiva ***Emendatorja***."

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*B'din l-emenda jerġa' jitressaq il-kompromess adottat fir-rapport tal-Parlament Ewropew.*

*Din l-emenda mhix inkluża fit-test tal-ftehim provviżorju. L-emenda titlob li tiġi investigata l-*

AM\1119606MT.docx

PE598.517v01-00

*possibbiltà ta' aċċess dirett għall-awtoritajiet tal-Istati Membri f'l-arkivju tad-data fejn l-informazzjoni ewlenija fuq l-armi u tad-detenturi tagħhom jiġu skambjati.*

8.3.2017

A8-0251/115

**Emenda 115**

**Dita Charanzová**

f'isem il-Grupp ALDE

**Rapport**

**Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi

COM(2015)0750 – C8-0358/2015 – 2015/0269(COD)

**A8-0251/2016**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 13 – punt a – punt i**

Direttiva 91/477/KEE

Anness I – parti II – punt A – kategorija A – punt 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Armi tan-nar awtomatiċi li ġew ikkonvertiti f'armi tan-nar **semi-awtomatiċi**;

*Emenda*

6. Armi tan-nar awtomatiċi li ġew ikkonvertiti f'armi tan-nar **semiawtomatiċi, sakemm il-Kummissjoni ma tkunx adottat speċifikazzjonijiet tekniċi skont l-Artikolu 10ba, f'liema każ dan ma japplikax għal armi tan-nar li jkunu ġew ikkonvertiti skont ir-rekwiżiti stabbiliti**;

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*B'din l-emenda jerġa' jitressaq il-kompromess adottat fir-rapport tal-Parlament Ewropew. Din l-emenda mhix inkluża fit-test tal-ftehim provviżorju. Din id-dispożizzjoni ssegwi l-loġika ta' regoli armonizzati għad-diżattivazzjoni u tipproponi regoli armonizzati għall-konverżjoni ta' armi tan-nar awtomatiċi f'armi tan-nar semiawtomatiċi. Il-pussess minn persuni ċivili jitħalla biss għall-armi li jiġu kkonvertiti skont dawn l-istandards.*

8.3.2017

A8-0251/116

**Emenda 116**

**Dita Charanzová**

f'isem il-Grupp ALDE

**Rapport**

**Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi

COM(2015)0750 – C8-0358/2015 – 2015/0269(COD)

**A8-0251/2016**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 13 – punt a – punt i**

Direttiva 91/477/KEE

Anness I – parti II – punt A – kategorija A – punt 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

7. Armi tan-nar *semi-awtomatiċi* **għall-użu ċivili li jixbhu lill-armi b'mekkaniżmi semi-awtomatiċi;**

7. Armi tan-nar *semiawtomatiċi* **centre-fire li jippermettu l-isparar ta' aktar minn 21 dawra mingħajr ikkargar mill-ġdid, jekk apparat tal-ikkargar b'kapaċità li taqbeż 20 dawra jkun parti mill-arma tan-nar jew jekk jiddaħħal fiha apparat tal-ikkargar li jiżżarma b'kapaċità li taqbeż 20 dawra;**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda terġa' tressaq il-kompromess adottat fir-rapport tal-Parlament Ewropew li ma kienx inkluż fit-test tal-ftehim proviżorju. Għandha l-għan li tarmonizza r-regoli li jillimitaw in-numru ta' dawriet li jistgħu jiġu sparati minn arma semiawtomatika mingħajr ikkargar mill-ġdid għal 20/21.*

AM\1119606MT.docx

PE598.517v01-00

8.3.2017

A8-0251/117

**Emenda 117**

**Dita Charanzová**

f'isem il-Grupp ALDE

**Rapport**

**A8-0251/2016**

**Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi

COM(2015)0750 – C8-0358/2015 – 2015/0269(COD)

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 13 – punt a – punt iii**

Direttiva 91/477/KEE

Anness I – Parti II – punt A – kategorija C – punt 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6. L-armi tan-nar taħt il-Kategorija B u l-punti 1 sa 5 tal-Kategorija C, wara li jkunu ġew diżattivati. imħassar**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk arma tan-nar tiġi diżattivata kif suppost skont ir-regoli armonizzati kif introdotti permezz tal-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva, din issir sempliċement biċċa metall li ma tistax tiġi riattivata u użata mill-ġdid. Mhuwiex meħtieġ li wieħed jikkategorizza tali oġġett bħala arma ħajja, fuq l-istess livell bħall-armi użati għall-kaċċa, pereżempju. Din l-emenda ċċaqlaq l-armi tan-nar diżattivati mill-kategorija C għall-kategorija D.*

8.3.2017

A8-0251/118

**Emenda 118**

**Dita Charanzová**

f'isem il-Grupp ALDE

**Rapport**

**A8-0251/2016**

**Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi

COM(2015)0750 – C8-0358/2015 – 2015/0269(COD)

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 13 – punt a – punt iv (ġdid)**

Direttiva 91/477/KEE

Anness I – Parti II – punt A – kategorija D – punt 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(iv) fil-Kategorija D*

*Ia. Armi tan-nar mill-Kategoriji A, B u C li ġew diżattivati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2403 tal-15 ta' Diċembru 2015<sup>1</sup>.*

---

<sup>1</sup> *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/2403 tal-15 ta' Diċembru 2015 li jstabilixxi linji gwida komuni dwar l-istandards u t-tekniki tad-diżattivazzjoni sabiex ikun żgurat li l-armi tan-nar diżattivati jiġu inoperabbli irreversibilment (ĠU L 333, 19.12.2015, p. 62).*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk arma tan-nar tiġi diżattivata kif suppost skont ir-regoli armonizzati kif introdotti permezz tal-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva, din issir sempliċement biċċa metall li ma tistax tiġi riattivata u użata mill-ġdid. Mhuwiex meħtieġ li wieħed jikkategorizza tali oġġett bħala arma ħajja, fuq l-istess livell bħall-armi użati għall-kaċċa, pereżempju. Din l-emenda ċċaqlaq l-armi tan-nar diżattivati mill-kategorija C għall-kategorija D.*

AM\1119606MT.docx

PE598.517v01-00

**Emenda 119****Dita Charanzová**

f'isem il-Grupp ALDE

**Rapport****Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi

COM(2015)0750 – C8-0358/2015 – 2015/0269(COD)

**A8-0251/2016****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Direttiva 91/477/KEE

Artikolu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jieħdu ***l-passi*** kollha xierqa biex jipprojbixxu l-akkwist u l-pussess tal-armi tan-nar u tal-munizzjon ikklassifikati fil-Kategorija A ***u biex jeqirdu*** dawk l-armi tan-nar u l-munizzjon li jiksru ***din id-dispożizzjoni u jissekwestrawhom***.

***L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-korpi kkonċernati bl-aspetti kulturali u storiċi tal-armi u rikonoxxuti bħala tali mill-Istat Membru li huma stabbiliti fit-territorju tiegħu biex iżommu fil-pussess tagħhom armi tan-nar ikklassifikati fil-Kategorija A mixtrija qabel [id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], diment li dawn ikunu ġew diżattivati skont id-dispożizzjonijiet li jimplimentaw l-Artikolu 10(b).***

***L-akkwist tal-armi tan-nar u tal-partijiet tagħhom u tal-munizzjon li jikkonċernaw il-Kategoriji A, B u C b'mezz ta'***

*Emenda*

***1. Bla ħsara għall-Artikolu 2(2), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri*** kollha xierqa biex jipprojbixxu l-akkwist u l-pussess tal-armi tan-nar, ***tal-komponenti essenzjali*** u tal-munizzjon ikklassifikati fil-Kategorija A. ***Dawn għandhom jiżguraw li*** dawk l-armi tan-nar, ***il-komponenti essenzjali*** u l-munizzjon li jiksru ***illegalment dik il-projbizzjoni jiġu kkonfiskati.***

***2. Għall-protezzjoni tas-sigurtà tal-infrastruttura kritika, it-trasport marittimu kummerċjali, konvojs ta' valur għoli u postijiet sensitivi, kif ukoll għal finijiet ta' difiża nazzjonali, ta' edukazzjoni, kultura, riċerka u finijiet storiċi u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistgħu jagħtu, f'każijiet individwali, eċċezzjonali u debitament ġustifikati, awtorizzazzjonijiet għal tali armi tan-nar, komponenti essenzjali u munizzjon ikklassifikati fil-kategorija A fejn dan ma jmurx kontra s-sigurtà pubblika jew l-ordni pubbliku.***

***3. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħtu lill-kolletturi, f'każijiet speċjali individwali, eċċezzjonali u debitament***



*komunikazzjoni mill-bogħod, kif iddefinit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(\*), għandu jiġi awtorizzat biss għan-negozjanti u għas-sensara u għandu jkun soġġett għall-kontrolli stretti tal-Istati Membri.*

*motivati, awtorizzazzjonijiet għall-akkwist u l-pussess ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali u munizzjon ikklassifikati fil-kategorija A, soġġett għal kundizzjonijiet stretti dwar is-sigurtà, inkluża dimostrazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li jkun hemm fis-seħħ miżuri sabiex jindirizzaw kwalunkwe riskju għas-sigurtà pubblika jew għall-ordni pubbliku u li l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali jew il-munizzjon ikkonċernati jkunu maħżuna b'livell ta' sigurtà proporzjonat mar-riskji marbuta ma' aċċess mhux awtorizzat għal tali oġġetti.*

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kolletturi awtorizzati skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jkunu jistgħu jiġu identifikati fl-arkivji tar-rekords imsemmija fl-Artikolu 4. Tali kolletturi awtorizzati għandhom jiġu obbligati jżommu reġistru tal-armi tan-nar kollha li jkunu fil-pussess tagħhom ikklassifikati fil-kategorija A, li għandu jkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ xierqa fir-rigward ta' tali kolletturi awtorizzati, filwaqt li jqisu l-fatturi rilevanti kollha.*

*4. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lin-negozjanti jew lis-sensara, fil-kapaċitajiet professjonali rispettivi tagħhom, biex jakkwistaw, jimmanifatturaw, jiddiżattivaw, isewwu, ifornu, jittrasferixxu u jkollhom fil-pussess tagħhom armi tan-nar, komponenti essenzjali u munizzjon ikklassifikati fil-kategorija A, soġġett għal kundizzjonijiet stretti fir-rigward tas-sigurtà.*

*5. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lil mużewijiet biex jakkwistaw u jkollhom fil-pussess tagħhom armi tan-nar, komponenti essenzjali u munizzjon ikklassifikati fil-kategorija A, soġġett għal kundizzjonijiet stretti fir-rigward tas-*

*sigurtà.*

*6. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lit-tiraturi sportivi jakkwistaw u jkollhom fil-pussess tagħhom l-armi tan-nar semiawtomatiċi kklassifikati fil-punt 6 jew 7a tal-kategorija A, soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:*

*(a) valutazzjoni sodisfaċenti tal-informazzjoni rilevanti li toħroġ mill-applikazzjoni tal-Artikolu 5(2);*

*(b) għoti ta' provi li t-tiratur sportiv ikkonċernat qiegħed jieħu sehem attivament f'kompetizzjonijiet tal-isparar rikonoxxuti minn organizzazzjoni sportiva tal-isparar uffiċjali rikonoxxuta tal-Istat Membru kkonċernat jew minn federazzjoni sportiva tal-isparar stabbilita internazzjonalment u rikonoxxuta uffiċjalment; u*

*(c) għoti ta' ċertifikat minn organizzazzjoni sportiva tal-isparar rikonoxxuta uffiċjalment li jikkonferma li:*

*(i) it-tiratur sportiv huwa membru ta' klabb tal-isparar u ilu jipprattika l-isparar sportiv regolarment miegħu tal-inqas għal 12-il xahar, u*

*(ii) l-arma tan-nar inkwistjoni hija meħtieġa għal dixxiplina tal-isparar rikonoxxuta minn federazzjoni sportiva tal-isparar stabbilita internazzjonalment u rikonoxxuta uffiċjalment.*

*Fir-rigward tal-armi tan-nar ikklassifikati fil-punt 6 tal-kategorija A, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jawtorizzaw it-trasferiment ta' armi tan-nar militari lil persuni individwali fil-kwalità tagħhom bħala tiraturi sportivi. Dawn l-armi tan-nar għandhom jiġu ttrasformati f'armi tan-nar semiawtomatiċi mill-awtorità pubblika li għandha tivverifika perjodikament li l-persuni li jużaw dawn l-armi tan-nar ma jirrappreżentawx riskju għas-sigurtà pubblika. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-*

*punti (a), (b) u (c) tal-ewwel  
subparagrafu.*

---

*(\* Id-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament  
Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju  
1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi  
in rigward ta' kuntratti li jsiru mill-  
bogħod (ĠU L 144, 4.6.1997, p. 19)."*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 6, paragrafu 3c, punt d) tal-ftehim proviżorju mal-Kunsill jipproponi regola ġenerali li, minnha nfisha, hija mfassla apposta għall-Iżvizzera, peress li pajjiż wieħed biss jista' jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regola. B'dan il-mod ikunu qed jiġu preskritti regoli eħfef għal pajjiżi mhux tal-UE meta mqabbel mal-Istati Membri, li mhuwiex aċċettabbli. Din l-emenda, għalhekk, għandha l-intenzjoni li żżomm ir-regola ġenerali u tagħmilha l-istess għall-Istati Membri kollha.*

8.3.2017

A8-0251/120

**Emenda 120**

**Dita Charanzová**

f'isem il-Grupp ALDE

**Rapport**

**Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi

COM(2015)0750 – C8-0358/2015 – 2015/0269(COD)

**A8-0251/2016**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 8**

Direttiva 91/477/KEE

Artikolu 10b – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta standards u tekniki tad-diżattivazzjoni biex tiżgura li ***l-armi*** tan-nar ***diżattivati jkunu*** inoperabbli b'mod ***irreversibbli***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13b(2).

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha, ***sa mhux aktar tard minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva],*** tadotta ***atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu*** standards u tekniki tad-diżattivazzjoni biex tiżgura li ***l-komponenti essenzjali kollha ta' arma*** tan-nar ***ikunu*** inoperabbli b'mod ***permanenti u ma jkunux jistgħu jitneħħew, jinbidlu jew jiġu modifikati b'xi mod li jippermetti lill-arma tan-nar tiġi riattivata***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13b(2).

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Wieħed mill-benefiċċji ta' din ir-reviżjoni tad-Direttiva huwa li tarmonizza r-regoli tal-UE għad-diżattivazzjoni tal-armi tan-nar. Peress li r-Regolament ta' Implimentazzjoni attwali dwar id-diżattivazzjoni mhuwiex fattibbli, għandu jkun hemm data ċara għall-Kummissjoni li tistabbilixxi skadenza għall-adozzjoni tar-regoli l-ġodda. Din l-iskadenza jeħtieġ tiġi stabbilita qabel ma din id-Direttiva tidħol fis-seħħ b'tali mod li r-reġim ta' diżattivazzjoni l-ġdid ikun ċar għall-Istati Membri meta dawn jibdew il-proċess tat-traspożizzjoni.*

AM\1119606MT.docx

PE598.517v01-00